ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 09/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Jannar, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17:25hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 08

9.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 08 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Ministeru għall-Ambjent rigward l-Earth Hour 60+. F'din l-attività għandhom jintfew id-dwal ta' xi pjazez, ristoranti jew ħwienet għal siegħa. Din l-attività ser issir nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu, 2020.

9.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li għal din l-attività tintefa l-faċċata tal-Kunsill għal siegħa.

9.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tiġġedded il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsilliera u tal-ħaddiema tal-Kunsill.

9.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded.

9.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tiġġedded il-polza tal-assigurazzjoni tal-flus fil-Kunsill.

9.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded.

9.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward id-dati għall-attivitajiet kulturali 2020. Il-Kunsill ikkonferma li d-data tal-Irkottafest ser tkun dik tal-Ħadd, 24 ta' Mejju, 2020.

9.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, iċ-Ċittadinanza u s-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi rigward l-iskema Achievers li ġiet estiża għat-28 ta' Jannar, 2020.

9.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qalu li peress li kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tas-Segretarjat ser ikunu qed jistennew biex jaraw x'ser jiġri u jiddeċiedu aktar 'il quddiem.

9.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* rigward LC Care Project Grant Support Scheme 2019. Is-Sindku qal li Kunsill ġie infurmat li ma nikkwalifikawx għal din l-iskema. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni kien fiha ħafna burokrazija biex timtela.

9.3.6.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-applikazzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tikteb lid-Dipartiment fejn tinfurmah dwar din il-burokrazija li qed twassal għal ħafna ħela ta' ħin biex fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill ma jieħu xejn. Il-Kunsilliera qablu li ma jerġgħux japplikaw għal fondi ta' din ix-xorta.

9.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-NGO Green House sabiex jaraw jekk hemmx xi *area* li tista' tintuża mill-voluntiera tal-istess NGO sabiex isir *street art*.

9.3.7.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza, li hija interessanti ħafna u l-idea tal-Kunsill hija li ssir xi ħaġa ħdejn il-mina ta' Ħal Kirkop. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill jinfurmahom li kienu lesti li jiltaqgħu magħhom il-Viċi Sindku Joseph Schembri u l-Kunsillier John Luke Cassar biex jiddiskutu aħjar.

9.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-Malta Air Traffic Services sabiex isir xi tibdil rigward sinjali tat-toroq fi Triq il-Madonna tad-Dawl.

9.3.8.1 Is-Sindku spjega li dawn ser ikunu qed jagħmlu proġett u għal dan il-għan għandhom bżonn li jneħħu n-*No Entry* li kienet saret wara talba tagħhom stess minħabba *issues* ta' *safety*.

9.3.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li ninfurmawhom li din in-*No Entry* saret minħabba s-*safety* tal-*area,* u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jerfa' r-responsabilità ta' dan il-periklu. Jekk huma lesti li jagħtuna bil-miktub li f'dik iż-żona ma hemmx periklu u lesti li jerfgħu din ir-responsabilità huma, għandhom jinfurmawna dan bil-miktub biex il-Kunsill ikun jista' jitlob l-approvazzjoni mingħand Transport Malta.

9.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mir-Reġjun Nofsinhar sabiex nirreġistraw fuq il-Portal tal-EU Commission. Din il-portal għandha tkun ta' għajnuna sabiex napplikaw u nipparteċipaw fi skemi ta' fondi jew inizjattivi tal-Unjoni Ewropea.

9.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Cody Galea jieħu ħsieb li jirreġistra fuq dan il-Portal.

9.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva 08/2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-Servizz ta' Knis fil-Lokalitajiet.

9.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Perit kien bgħat il-pjanti emendati ta' Ġnien Rousset.

9.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-pjanta u qablu li jitkellmu mal-Perit biex din il-pjanta u l-pjanta li saret qabilha jiġu amalgamati u jsiru xi tibdiliet.

9.3.11.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu jaqbel li Ġnien Rousset jiġi rranġat iżda qatt ma jista' jaqbel li jsir bandli f'dan il-ġnien għax iħoss li dak l-*open space* m'għandux ikun użat bħala bandli.

9.3.11.3 Il-Kunsilliera qablu li l-pagament għal dan ix-xogħol, li kien ġie approvat iżda nżamm sakemm saru l-emendi mitluba seta' jintbgħat.

9.3.11.4 Il-Kunsilliera ser ikunu qed jiddiskutu mal-Perit biex iżid is-siġar u l-parti tan-naħa tal-grawnd tal-futbol issir bħall-ewwel pjanta. Wara li jinħarġu l-pjanti, l-Kunsill ikun jista' jiddiskuti mal-entitajiet biex jara kif jista' jġib fondi għal dan il-proġett.

9.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-istruttura tal-bandli kienet waslet.

9.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li din ma teħilx għalissa u jekk il-kuntrattur ma għandux fejn iżommha din tinżamm fil-bitħa tal-bocci club.

9.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tal-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* kien għalaq sena u għaldaqstant kien hemm bżonn li l-Kunsill jiddiskuti biex jara l-aħjar mod kif tinħareġ din l-offerta.

9.3.13.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li l-kuntrattur għamel *improvement* tajjeb iżda fadal xi jsir.

9.3.13.2 Il-Kunsillier Cody Galea rringrazzja lill-Kunsillier John Luke Cassar rigward il-laqgħa li kellu mal-*contracts manager* għax kemm ilha li saret din il-laqgħa ix-xogħol miexi tajjeb ħafna. Dan huwa rifless fil-maniġġ tal-kuntratti.

9.3.13.3 Għaldaqstant il-Kunsilliera qablu li l-kuntrattur tal-mantenzjoni tal-ġonna u *soft areas* ser ikompli jaħdem xahar b'xahar sakemm il-Kunsill jiċċekkja mal-RSSL dwar il-possibilità ta' impjegat.

9.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien ġie diskuss u maqbul magħhom kienu ġew ordnati *washing machine*, *dishwasher* u *reverse osmosis* għall-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kkonfermaw dan bi qbil unanimu.

9.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm bżonn li jinxtara *television* għall-*boardroom* u kien ikun għaqli li jinxtara issa kif ħafna ħwienet jinsabu bis-*sale*.

9.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li t-*technician* tal-*air conditioners* kien ġie u ċċekkja l-*air conditioner* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li kellu biss bżonn ta' *settings;* tal-kċina ta' fuq li għandu bżonn tinbidel ir-*remote*; u tal-uffiċċju tal-iskrivani li huwa bil-ħsara u ma jissewwiex.

9.3.16.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u ġie deċiż li l-Kunsill iġib stima u jinxtara *air conditioner* ġdid biex jinbidel dak tal-uffiċċju tal-iskrivani.

9.3.16.2 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jinxtara *air conditioner* ġdid għall-uffiċċju tal-iskrivani, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

9.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kien ħareġ stqarrija li l-Kunsill Lokali Ħal Kirkop flimkien ma' numru ta' Kunsilli Lokali oħra kienu ser jibbenifikaw mill-iskema tar-restawr ta' postijiet storiċi.

9.3.17.1 Is-Sindku kompla jgħid li din l-informazzjoni kienet ħarġet fuq il-media u l-Kunsill kien qed jistenna li jirċievi din l-informazzjoni bil-miktub.

9.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien ser jitkellem dwar ir-restawr taċ-ċimiterju. Għaldaqstant il-Kunsillier Cody Galea, iddikjara kunflitt ta' interess u ħareġ mil-laqgħa.

9.3.18.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva stima għax-xogħol tar-restawr taċ-ċimiterju. Apparti hekk, is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna l-pjanti tal-*observation area* tal-ajruplani mingħand il-Perit.

9.3.18.2 Is-Sindku kompla jgħid li din l-istima intbgħatet lill-Malta International Airport u dawn minn naħa tagħhom qalulna li ser ikunu qed jistennew stimi oħra u l-pjanti tal-*observation area* biex jgħadduhom quddiem il-bord.

9.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li District Operations Ltd. kienu nfurmaw lill-Kunsill li kellhom persuna biex taħdem bħala *Receptionist* mal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li kif kien ġie diskuss mal-Kunsilliera kollha din il-persuna ltaqgħet mal-Kunsill u bdiet ix-xogħol tagħha, bħala *Receptionist*, fuq l-iskema tal-CEWS, minn nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2020.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi tabella fl-*observation area* fi Triq l-Industrija, li turi li hemmhekk huwa konfini Ħal Kirkop. Dan għall-fatt li kien hemm intervista u fiha bdew jirreferu għall-area bħala Ħal Safi.

9.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li ssir tabella bl-istemma ta' Ħal Kirkop.

9.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar ix-xifer ta' Sqaq ir-Ramlija li ilu ħafna maqlugħ u jekk mhux ser jissewwa ser ikompli jinqala' anke l-isqaq.

9.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien kellem lill-Perit ta' Transport Malta u sa issa ma saritx.

9.4.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u minħabba li qed issir il-ħsara, ġie deċiż li l-Kunsill iqabbad kuntrattur biex jagħmilha. Peress li ma tantx hemm xogħol, il-Kunsilliera qablu li l-kuntrattur li jagħmel il-bitħa, jagħmel dan ix-xogħol ukoll.

9.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-*coaches* ipparkjati fl-*area* ta' Kirkop 2. Hu qal li l-mod kif jipparkjaw qed jostakolaw it-traffiku u anke jgħattu l-mirja.

9.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li intbgħatet *email* lil-LESA biex jagħmlu ronda f'din l-*area*.

9.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar kuntratturi li jaħdmu bla permess fil-lokalità. Hu kompla jgħid li kuntrattur ħadem bla permess u ħa sitt *parking bays* billi kien jagħlaq bi briksa. Dan ma kienx isir għall-makkinarju imma biex ipoġġu l-vetturi privati.

9.4.4.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-kuntrattur kien ġie hawn u skuża ruħu u ġie nfurmat li jekk din tirrepeti ruħha, il-permessi tiegħu ser jiġu sospiżi.

9.4.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu mal-Kunsillier Cassar. Biex ikun hemm iktar serjeta fuq il-permessi, ġie deċiż li malli tibda titħaddem is-sistema l-ġdida, l-Kunsill jinforma kuljum lil-LESA u lill-*contracts manager* dwar il-permessi kollha li jkunu inħarġu, biex ikun jista' jsir l-iskrutinju meħtieġ.

9.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar it-tindif tal-*area* fi Triq Ħal Safi k/m Triq Tal-Fieres. Staqsa wkoll jekk jistax jinħasel Misraħ iż-Żerniq minħabba li hemm ħafna ħmieġ tal-klieb.

9.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li l-Kunsill ikellem lill-Cleansing Department biex naraw jistax jgħinna f'dan.

9.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien ġie kuntrattur jara x-xogħol li hemm bżonn li jsir minħabba gypsum tal-*boardroom* u tar-*reception area* u ser ikun qed jagħtina stima.

9.4.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill kien qed jiġbor stimi għall-*microphones* għall-mejda tal-*boardroom* biex ikunu jistgħu jinxtraw biex tinħadem il-mejda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

9.4.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien hemm bżonn naraw kif nistgħu insibu mezz biex naħdmu mat-tfal tal-Iskola Primarja fuq proġetti ta' skambju ma' Rousset.

9.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-Kunsill Skolastiku biex jiġi diskuss il-pass li jmiss. Il-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jitlob appuntament mal-Kunsill Skolastiku.

9.4.9 Il-Kunsillier John Luke Cassar irringrazzja pubblikament lil kull min għen biex l-attività Gigantic u l-Festin tal-Milied kienu suċċess. Il-Kunsillier Cassar qal li importanti ħafna li ma ninsewx lil min għen u għandha tiġi ordnata mementoe u tifkira żgħira fejn nuru apprezzament lil kull min għen volontarjament.

9.4.9.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar kompla jgħid li iddispjaċih li waqt il-festin ir-ringrazzjamenti ma sarux sew u kien ikun ħafna aħjar kieku waqt ir-ringrazzjamenti n-nies preżenti kienu nfurmati li l-ikel kien sar kollu mill-Kunsill.

9.4.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li jiddispjaċih ħafna, skuża ruħu u żgur li din ma għamilhiex bi ħsieb u ma kinetx intenzjonata. Il-Kunsillier Cody Galea qal li f'attivitajiet bħal dawn l-ażjar li d-diskors ta' ringrazzjament ikun ppreparat biex isiru ringrazzjamenti personali u ma jerġax jiġri l-istess.

9.4.10 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet jekk il-Kunsill setgħax jagħmel mera biex residenti jkunu jistgħu joħorġu mid-*drive-in*.

9.4.10.1 Il-Kunsilliera qalu li bħal ma kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti, din il-mera ma setgħatx tidħol bħala spiża tal-Kunsill, iżda il-persuna li kellha bżonnha setgħet tapplika u tħallas mal-Kunsill biex din it-tabella tiġi ordnata.

9.4.11 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kellha talba biex issir No Parking taħt il-bankina fi Triq l-Imdina.

9.4.11.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiksutew din it-talba u kkonfermaw li din in-No Parking ma tistax issir.

9.4.12 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-tender għall-tindif u attendenza tal-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żerniq.

9.4.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li d-dokument tat-tender kien qiegħed għall-iskrutinju tal-Kunsilliera u kien hemm bżonn li dan jiġi diskuss biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa.

9.4.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kien ser ikun qed jara dan id-dokument fid-dettal u jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv jekk ikun hemm xi punti li għandhom jiġu modifikati.

9.4.13 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-Kunsill kienx qed iżomm depożitu fuq il-permessi ta' makkinarju li jinħarġu.

9.4.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien ġie diskuss f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill diġa' kien żamm €200 depożitu fuq permess partikolari u ser ikun qed jimxi ma dak diskuss f'laqgħa nru. 5, minuta 5.9, jiġifieri li kull permess għandu jħalli depositu ta' €200. Din il-policy ma tapplikax għal dawk il-permessi mitluba biex jintuża *lifter* biex jittellgħu *whitegoods* u għamara.

9.4.14 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar ir-responsabilitajiet tal-ħaddiema klerikali u qal li dawn kienu bdew jieħdu ħsieb itellgħu informazzjoni u xogħol li qed isir mill-Kunsill fuq il-paġna ta' facebook u jidher li qisu waqaf kollox.

9.4.14.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri irrimarka wkoll li l-lista' tal-ilmenti ma kienux qed jirċievuha darba fil-ġimgħa bħal ma kien isir qabel.

9.4.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet tiġbed l-attenzjoni tagħhom fuq dawn in-nuqqasijiet u kienet qed telenka lista' ta' responsabilitajiet dettaljata biex kull ħaddiem ikollu ċar x'għandu jagħmel.

## 9.5 Rapport tal-Ilmenti

9.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 9.6 Tender għall-Ġbir ta' Skart Organiku u Domestiku

9.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li t-tender għall-ġbir ta' skart organiku u domestiku kien qiegħed fl-istadju tal-evalwazzjoni u kien ser ikun evalwat mill-Kunsilliera kollha.

9.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ż-żewġ offerenti kienu *compliant* u għaldaqstant dan it-tender kien intrebaħ mill-offerent li kien *cheapest compliant*.

9.6.3 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex it-tender għall-Ġbir ta' Skart Organiku u Domestiku jingħata lill-offerent li tefa' c-*cheapest compliant* tender, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.7 Tender għal Tindif u Attendenza tal-Latrina Pubblika

9.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li d-dokument tat-tender kien għadu taħt skrutinju biex il-Kunsill jara li dan jinħareġ bl-aħjar mod possibbli.

9.7.2 Kif diskuss f'minuta 9.4.12.2, il-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jara d-dokument tat-*tender* u jagħti *feedback* dwaru lis-Segretarju Eżekuttiv biex dan ikun lest għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 9.8 Kuntratt taċ-Ċentru għall-Anzjani *(Day Centre)*

9.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt taċ-Ċentru għall-Anzjani *(Day Centre)* kien ġie ffinalizzat kif maqbul, u kien lest biex jintbgħat.

9.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li fl-eventwalità li d-Direttorat għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità jaqblu ma' dan il-kuntratt, dan seta' jiġi ffirmat.

9.8.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 9.9 Allokazzjoni Finanzjarja 2020

9.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-informazzjoni dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2020.

9.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lid-Dipartiment il-formula eżatta li biha tinħadem l-allokazzjoni u kjarifika għaliex il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ma ħa l-ebda fondi għall-manutenzjoni tal-latrina pubblika.

## 9.10 *Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

9.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill.

9.10.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-*appraisals* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.11 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

9.11.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

9.11.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-kontenut ta' dan l-*appraisal* u għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dan l-*appraisal* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.12 Approvazzjoni ta' Akkumular ta' *vacation leave* tal-impjegati

9.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill it-talba ta' impjegat biex jakkumula il-bilanċ ta' *vacation leave* mis-sena 2019 għas-sena 2020, liema bilanċ huwa aktar minn dak stipulat fil-ftehim kollettiv minħabba eżiġenzi ta' xogħol. Għaldaqstant ma kienx ikun ġust li dan il-*leave* jintilef.

9.12.2 Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw it-talba ta' l-impjegat u għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-bilanċ kollu tal-*vacation leave* ta' l-impjegat tal-Kunsill jiżdied mal-*vacation leave* tas-sena 2020, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

9.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 98 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

9.13.2 Il-Kunsilliera Ritianne Caruana ressqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 98 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

9.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Frar, 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

9.14.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:25hrs.

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 12 ta' Frar, 2020

**Mozzjoni Ref:** 048/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 08.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 049/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jinxtara *air conditioner* ġdid għall-uffiċċju tal-iskrivani.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 050/20/9

**Mozzjoni:**

Biex it-tender għall-Ġbir ta' Skart Organiku u Domestiku jingħata lill-offerent li tefa' c-*cheapest compliant tender*.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 051/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 052/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut ma' l-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 053/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bilanċ kollu tal-*vacation leave* ta' l-impjegat tal-Kunsill jiżdied mal-*vacation leave* tas-sena 2020.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 054/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 98.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Ritienne Caruana | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**